MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2008

Rikors Numru. 1602/2007/1

**Alfred Vella**

**vs**

**Emmanuel Azzopardi et**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Emmanuel Azzopardi et fejn gie premess:

Illi b'effett tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet hawn fuq premessi gew indikati bhala sekwestratarji, inter alia, il-ko-operattiva ta' min irabbi il-majjali (K.I.M.);

Illi l-esponent jiddependi interament ghall-ghajxien tieghu u ta’ familtu minn fuq l-introjtu illi jigenera bit-trobbija tal-majjali fir-razzett tieghu;

Illi pero b’effett tal-mandat suriferit l-esponent issa gie fis-sitwazzjoni illi joqtol kemm joqtol irjus tal-majjali, huwa ma’ jircievi ebda sold u dan ghaliex ovvjament il-K.I.M. hija mizmuma milli tirrilaxxa fondi favur tieghu;

Illi dan ghalhekk iffisser illi l-esponent m’huwa qed jircievi assolutament xejn tal-bhejjem li huwa joqtol u ghalhekk huwa spicca minghajr ebda forma ta’ introjtu sabiex imantni lilu nnifsu u lil familja tieghu;

Illi apparti minn dan u aktar gravi minn hekk huwa l-fatt illi minhabba l-effett ta’ l-istess mandat lanqas ma’ huwa qieghed jircievi flus sabiex huwa ikun jista jixtri l-ghalf li jkun irid jitma l-hniezer illi huwa jzomm fir-razzett tieghu. Ovvjament kif appena dan jigri, apparti d-disgrazzja u l-krudelta tal-mewt tal-bhejjem, ir-razzett li minnu jopera l-esponent ikun sfaxxa fix-xejn peress illi jekk huwa ma jkollux bhejjem ghat-trobbija, lanqas ma’ jista jkollu bhejjem x’joqtol kull xahar u ghalhekk anqas m’ huwa ser ikollu flus sabiex isosstni l-ghajxien tieghu u ta’ familtu ta’ erbgha minn nies;

Illi l-esponent jirrileva illi tul il-kors tal-kawza fl-istess ismijiet illi permezz taghha l-ezekutant gie eventwalment kanonizzat kreditur, kien hemm fis-sehh kontra l-esponent mandat ta’ sekwestru kawtelatorju. Dan il-mandat pero, b’ordni ta’ din l-Onorabbli Qorti, ma kellux jolqot dik il-parti tal-flus li kienu mehtiega sabiex jinxtara il-gwiez sabiex l-esponent ikun jista jitma l-majjali, fl-ammont ta’ mhux aktar minn Lm3,500 mensilment, u lanqas ma’ kellhom jintlaqtu l-ewwel Lm300 mensili li kellhom jinghataw direttament lill-esponent bhala manteniment ghalih u ghall-familtu. Dak kollu li kien jibqa in eccess ovvjament kien jibqa ssekwestrat;

Illi ovvjament il-posizzjoni tal-esponent baqghet l-istess fis-sens illi huwa ghandu bzonn provvediment simili ghal dak li kien inghata fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-istess ismijiet u dan sabiex jizgura l-ghajxien dekoruz ta' familtu u sabiex ikun jista' jizgura illi l-bhejjem li jinsabu fil-pussess tieghu ma' jisfawx mejtin bil-guh;

Gha;lhekk ir-rikorrenti talab li jigi ordnat illi mill-flus li jigu sekwestrati mis-sekwestratarji K.I.M. kull xahar, ma ghandhomx jigu milquta bl-istess mandat l-ewwel Lm300 li ghandhom jinghataw lill-esponent ghall-manteniment tieghu u ta' familtu, kif lanqas m'ghandu jkun milqut dak l-ammont mehtieg sabiex jinxtara l-ikel tal-bhejjem liema ammont ma ghandu jkun f'ebda kaz qatt aktar minn Lm3500 mensilment, filwaqt li jibqa fis-sehh kif ordnat l-effetti kollha l-ohra tal-mandat odjern u dan taht dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni;

Rat ir-rsposta ta' Alfred Vella fejn gie sottomess :-

1. Illi f'Awissu 2002, l-esponentiipprezenta citazzjoni kontra l-konjugi Azzopardi sabiex il-Qorti tittermina l-kuntratt ta' bejniethom minhabba morozita' da parti tal-konvenuti u biex il-konvenuti jigu kkundannati jhallsu dak dovut lilu skond l-istess kuntratt ta' bejnithom. Mal-prezentata tac-citazzjoni, l-esponenti kien talab lill-Qorti tohrog mandat ta' sekwestru (kawtelatorju) ghall-ammont dovut skond il-kuntratt;

2. Illi l-Prim' Awla tal-Qorti Civili, b'sentenza tal-21 ta' Mejju, 2004 wara li cahdet it-tieni talba attrici, laqghet l-ewwel talba attrici cioe l-izgumbrament mir-razzett "Zbibu

Farmhouse”, Misrah Suffara, Rabat, u laqghet it-tielet talba parzjalment u r-raba talba attrici u ghalhekk kienet ikkundannat lill-konvenuti konjugi Azzopardi jhallsu is-somma ta’ Lm76000 (fit-tielet talba) u Lm3866.81 (fir-raba talba) – b’ kollox Lm79866.81. L-attur Alfred Vella kien appella minn din is-sentenza fis-sens illi tikkonfermaha fejn ikkundannat lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ Lm79866.81 u tvarjha fejn cahdet it-tieni talba u parti mit-tielet talba. Il-konvenuti ma appellawx minn din is-sentenza. B’sentenza tat-28 ta’ Settembru, 2007, il-Qorti tal-Appell cahdet l-appell tal-esponenti u kkonfermat s-sentenza tal-Ewwel Qorti. Sallum, l-ammont dovut skond is-sentenza tal-Qorti tissupera mija u tlettax l-elf lira (Lm113000) meta wiehed jikkonsidra l-imghaxijiet konfermati fis-sentenza;

3. Mill-21 ta’ Mejju, 2004, - data ta’ sentenza tal-Prim’ Awla – l-konvenuti kienu konsapevoli illi huma kienu debituri tal-attur fis-somma ta’ Lm79886.81 u li din is-somma setghet tizdied kieku intlaqa l-appell, izda certament ma setghetx tigi ridotta billi l-konvenuti ma kienux appellaw, anqas incidentalment;

4. Il-konvenuti ma tantx ippreokkupaw ruhhom b’din is-sentenza ghax mid-data tas-sentenza tal-Prim’ Awla (i.e. 21 ta’ Mejju, 2004) sal-gurnata tallum, huma ma hallsu anqas centezmu wiehed;

5. Illi sakemm il-kawza giet definittivament deciza mill-Qorti tal-Appell, kien hemm sekwestru kawtelatorju in vigore. Wara rikors tal-konvenuti, il-Prim Awla tal-Qorti Civili kienet ezentat l-ewwel Lm300 fix-xahar ghall-ghixien tieghu u ta’ martu kif ukoll Lm3500 mensilment sabiex jinxtara l-gwiez tal-majjali.

6. Ir-rizultat ta’ dan kien illi tul il-perijodu ta’ hames snin u nofs (minn Awissu 2002 sa Dicembru, 2007), is-somma ssekwestrata f’idejn il-Koperattiva ta’ Min Irabbi l-Majjali Ltd (is-sekwestranti l-ohra kollha ddikjaraw illi ma ghandhom ebda flus jew oggetti tad-debituri sekwestrati)

kienet ta’ Lm6342 cioe Lm1153 fis-sena. B’ din ir-rata ta’ hlas ta’ cirka Lm1153 fis-sena, il-kreditu tal-esponenti ser jizdied (flok jonqos) b’ cirka Lm5000 fis-sena billi l-imghax dovut skond is-sentenza huwa ta’ Lm6389 fis-sena (i.e 8% fuq Lm79866); ghalhekk jekk jintlaqa dan ir-rikors, is-sentenza tal-Qorti ser tigi kompletament stultifikata u l-kreditu kanonizzat a favur l-esponenti ma hu ser jithallas qatt;

7. Huwa inutili li wiehed jiddiskuti s-sentenza billi llum il-kwistjoni hija deciza definittivament mill-Qorti u ghalhekk taghmel stat bejn il-partijiet; il-kreditu tal-esponenti huwa kanonizzat u l-konvenuti huma debituri tieghu fis-somma ta’ Lm79,866.80 oltre l-imghax mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni cioe mit-2 ta’ Awissu, 2002 li sallum jammonta ghal Lm34,055.20. Dan l-ammont ta’ flus dovuti lill-esponenti izda mhux imhallsa qed igibuh f’sitwazzjoni finanzjarja prekarja; u ma jkunx gust illi l-kreditur kanonizzat mill-Qorti jigi penalizzat biex ma jigix penalizzat id-debitur;

8. Fl-ahhar nett, l-esponenti jissottomettu illi bil-mandat ta’ sekwestru in kwistjoni, huwa qed jipprova jezegwixxi sentenza ta’ dina l-Qorti u jigbor dak li hu dovut lilu skond din is-sentenza, il-konvenuti qed jaghmlu l-animu taghhom biex jevitaw li jonoraw id-decizjoni tal-Qorti u b’dan ir-rikors qed jitolbu l-ghodda biex jghamlu dan legalment u bir-ratifika tal-istess Qorti li ordnat il-hlas tad-debitu taghhom;

Ghallhekk it-talba tal-konjugi Azzopardi ma ghandiex tigi milqugha ghax b’ hekk din il-Qorti tkun qed tiggarantixxi li l-kreditu li hu kkanonizzat a favur tal-esponenti ma jithallas qatt;

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta’ Dicembru 2007 minn fejn jirrizulta li Alfred Vella ddikjara li gha-rigward tal-ewwel tlett mit liri maltin (Lm300) ma jopponix li dawn jigu mghoddija direttament mis-sekwestratarji lill-konjugi Azzopardi;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors;

Rat li r-rikors gie differit sabiex jinghata l-provediment finali;

Ikkonsidrat:

Il-presenti rikors sar fl-atti tal-mandat ta’ sekwestru ezekuttiv numru 1602/07 fl-ismijiet “Alfred Vella vs Emmanuel Azzopardi et”. B’dan il-mandat intlaqat l-introjtu tal-konjugi Azzopardi min-negozju taghom tat-trobbija tal-majjali stante li l-ko-operativa ta’ min irabbi il-majjali (K.I.M.) giet notifikata bl-istess mandat esekuttiv bhala sekwestratarji. Il-konjugi Azzopardi jossottmettu li l-ghajxien taghhom jiddependi unikament mill-imsemmi l-introjtu, pero’ issa mhux qed jircievu hlas ghal bhejjem li qed jinqattlu Ghalhekk ukoll huma ma jistghux jixtru l-ghalf ghall-annimali. Ghalhekk hemm i-biza reali li n-negozju imsemmi tal-konjugi Azzopardi jisfaxxa u jigi fix-xejn u b’hekk zgur li ma jkunux jistghu isosstnu l-ghajxien taghhom u tal-familtu taghhom;

Il-konjugi Azzopardi jghamlu referenza ghal mandat ta’ sekwestru kawtelatorju li kien fis-sehh fil-kors tal-proceduri li waslu ghas-sentenza li issa qed tigi esegwita permezz ta’ dan il-mandat. Skond il-konjugi Azzopardi l-Qorti kompetenti kienet ordnat lil-istess sekwestratarji li l-mandat kawtelatorju ma kellux jolqot id-dhul tal-konjugi Azzopardi li hu mehtieg sabiex jinxtara l-ghalf ghall-annimali u dan fl-ammont ta’ mhux aktar minn Lm3500 mensilment, u lanqas ma’ kellhom jintlaqtu l-ewwel Lm300 mensili li kellhom iservu ghal manteniment taghhom u tal-familja taghhom;

Il-konjugi Azzopardi jissottomettu li, ghal ragunijiet imsemmija, hemm bzonn li jinghataw ordnijiet simili anke ghar-rigward tal-mandat eskuttiv in kwestjoni.

Ghallhekk il-konjugi Azzopardi qed jitolbu li tinghata ordni lis-sekwestratarji (K.I.M.) fis-sens li kull xahar, il-mandat m’ghandux jolqot l-ewwel Lm300 li huma bzonnjuzi ghall-manteniment taghhom u tal-famila taghhom u lanqas m’ghandu jolqot dak l-ammont mehtieg sabiex jinxtara l-ghalf ghal-bhejjem u cioe’ mhux aktar minn Lm3500, filwaqt li jibqghu fis-sehh l-effetti kollha l-ohra tal-mandat esekuttiv in kwestjoni;

Alfred Vella rrisponda li hu kien ottjena l-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru kawtelatorju li baqa fis-sehh sakhemm giet deciza definittavament is-sentenza relattiva, li fost affarijiet ohra kienet ikkundannat lill-konjugi Azzopardi jhallsu s-somma ta’ kwazi Lm80000, liema somma illum kibret minhabba l-imghaxxijiet li akkumulaw u li gew ordnati fl-istess sentenza. Vella ssottometta ukoll li sallum il-konjugi Azzopardi ghadhom ma hallsu xejn mill-ammonti in kwestjoni.

Alfred Vella kkonferma ukoll dak kollu li gie sottomess mill-konjugi Azzopardi dwar il-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju. Bhala rizultat tal-imsemmmi mandat kawtelatoru u l-ordni relattiva tal-Qorti kompetenti l-ammont li kien gie sekwestrat sad-data tas-sentenza definittiva kien ta ftit aktar minn sitt elef lira (Lm6000). Vella jissottometti li jekk tinghata l-ordni li qed jitolbu l-konjugi Azzopardi il-kreditu tieghu ser jizdied u mhux jonqos. Jekk it-talba tal-konjugi Azzopardi tigi akkolta l-imsemmija sentenza ser tigi kompletament stultifikata u l-kreditu kanonizzat a favur tieghu ma hu ser jithallas qatt;

Vella issottometti inoltre li ma jkunx gust li hu, bhala kreditur kanonizzat  jigi penalizzat biex ma jigix penalizzat id-debitur;

It-talbiet tal-konjugi Azzopardi kif kontenuti f’dan ir-rikors m’ghandhomx bazi fil-ligi.

L-artikolu 381(1)(a) tal-Kap.12 jipprovdi li ma jistghux jinhargu mandati  ta’ sekwestru fuq salarju jew paga tad-debitur. Dan pero’ hu kwalifikat b’dak li hu provdut fl-artikolu 382(1) tal-istess Kap.12 u cioe’ li fil-kaz li s-salarju

u l-paga jeccedu t-tlett mitt liri maltin (Lm300) fix-xahar il-Qorti tista tordna l-hrug ta' mandat ta' sekwestru fuq dil-il-parti tal-paga jew tas-salarju li teccedi l-imsemmija Lm300. L-istess artikolu jkompli jipprovdi li jekk id-debitur juri li hu ghandu bzonn dak l-eccess jew parti minnu ghall-manteniment tieghu jew tal-familja tieghu, l-qorti ghandha thassar il-mandat ta' sekwestru dwar dak l-eccess jew parti minnu;

Fl-ewwel lok il-kaz in esami ma jittrattax dwar paga jew salarju izda jinvolvi d-dhul tal-konjugi Azzopardi minn negozju taghhom tat-trobbija tal-majjali. Id-dhul mill-qtil tal-majjali ma jistax jitqies bhala salarju jew paga. Jekk il-konjugi Azzopardi ghandhom negozju tajjeb u ghandhom fiducja li l-istess negozju jista jkun viabbli u jista jrendi, allura m'ghandux ikun difficli ghalihom li jsibu mod kif jiffinanzjaw l-istess negozju. Il-Qorti ma tistax tippermetti li l-konjugi Azzopardi jibqghu ghaddejjin normalment bin-negozju taghhom u fl-istess hin jevitaw li jhallsu l-kredituri taghhom in partikolari kreditur li gie kanonizzat bhala tali mill-Qorti kompetenti. Ma jistax jigi permess lill-konjugi Azzopardi li jiffinanzjaw in-negozju taghhom billi jevitaw li jhallsu l-kredituri taghhom;

Ghalhekk it-talbiet tal-konjugi Azzopardi kif kontenuti f'dan ir-rikors ma jistghu qatt jigu milqugha. Pero' in vista tad-dikjarazzjoni ta' Alfred Vella mghamula fil-kors tas-seduta tal-10 ta' Dicembru 2007 il-mandat in kwestjoni m'ghandux jolqot l-ewwel tlett mit liri maltin (Lm300) li jistghu jithallsu direttament mis-sekwestratarji lill-konjugi Azzopardi;

Ghal dawn il-motivi:

Tichad t-talbiet tal-konjugi Azzopardi pero' tordna li l-mandat in kwestjoni m'ghandux jolqot l-ewwel sitt mija u tmienja u disghin punt wiehed u tmenin euro (€698.81) ekwivalenti ghall tlett mitt liri maltin (Lm300) li jistghu jithallsu direttament mis-sekwestratarji lill-konjugi Azzopardi;

Spejjez kollha kontra l-konjugi Azzopardi

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------